DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel:** **2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480** **Indirizz Elettroniku : dcmel@gov.mt**

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 9 ta'April 2013

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 110/2013

**Lill-:** Prinċipali tal-Kulleġġi, Kapijiet, Assistenti Kapijiet u Għalliema tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat - Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Kors ta' Aġġornament Volontarju: L-Ortografija tal-Malti 1

---

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jistiednu lill-għalliema kollha li jgħallmu fl-iskejjel primarji biex jattendu kors ta' aġġornament fuq bażi volontarja bl-isem **L-Ortografija tal-Malti 1**. Dan il-kors huwa mmirat għall-għalliema tal-primarja li jħossu l-ħtieġa li jsaħħu l-għarfien tagħhom fl-ortografija.

Il-kors se jkun l-ewwel wieħed minn sensiela ta' korsijiet fuq il-Malti. Dan se jsir mit-3:30pm sal-5:30pm fil-jiem li ġejjin:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **22 ta' April** | **29 ta' April** | **6 ta' Mejju** | **13 ta' Mejju** | **20 ta' Mejju** | **27 ta' Mejju** |

Fid-dati u fil-ħinijiet imsemmija se jsiru żewġ korsijiet f'daqqa, wieħed Malta u l-ieħor Għawdex. Il-kors f'Malta se jsir fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet, Tal-Ħandaq (Ħal Qormi), u ta' Għawdex se jsir fl-Iskola Sekondarja tas-Subien, ir-Rabat.

Inħeġġu lill-għalliema li jattendu l-kors iressqu d-diffikultajiet ortografiċi li jiltaqgħu magħhom huma u l-istudenti tagħhom u jistaqsu l-mistoqsijiet li jkollhom.

L-għalliema li jixtiequ jattendu dan il-kors għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, u l-indirizz postali u elettroniku tagħhom lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur David Agius-Muscat, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt sa nhar l-Erbgħa, 17 ta' April 2013.

Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel ħamsa u għoxrin għalliem li japplikaw għal Malta u l-ewwel ħamsa u għoxrin għalliem li japplikaw għal Għawdex.

Min jattendi l-laqgħat kollha jingħata ċ-ċertifikat uffiċjali mid-Direttorat tal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

Grazzi,

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**